**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 60 (a) (b) (c) (e) (k), l-Artikolu 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 u l-Artikoli 16(1) (j) u 17 (a) ta' l-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta w bi ksur tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta l-1998) u ta' l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Kap. 336), l-Artikoli 49, 50, 334 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligjiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kumpilazzjoni Numru: 156/2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Francis Formosa (Karta tal-Identita' Nru.: 409470M)**

**U**

**Anthony sive Twannie Galea (Karta tal-Identita' Nru.:443364M)**

**Illum 17 ta' Marzu, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-akkuzati **FRANCIS FORMOSA** ta' tlieta u tletin (33) sena, bin Francis u Josephine nee' Gatt, imwieled Pieta' nhar id-19 ta' Settembru, 1970, u residenti Kensington Court, Flat 8, Triq

Bordino, San Pawl il-Bahar, dententur tal-karta tal-identita' numru 409470M; u

**ANTHONY sive TWANNIE GALEA**, ta' erbghin (40) sena, bin Benjamin u Rose nee' Hili (mejta), imwieled Qormi nhar it-18 t'Awissu, 1964, u residenti gewwa 2, Triq il-Barrakki, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 443364M;

Tressqu quddiemha fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT akkuzati talli fil-25 ta' Frar 2004, wara ntervent u tfittxija li saret minn Ufficjali tal-Pulizija fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FXG123, liema vettura kienet qed tintuza mill-imsemmija Francis Formosa u Anthony Galea, nstab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel, kontra l-ligi, bil-hsieb illi bil-qerq seta' jinharab milli jithallas id-dazju u/jew xi xorta ta' taxxa ohra dovuta, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, xjentement, it-tnejn flimkien, bil-komplicita' u l-kooperazzjoni ta' xulxin, kellhom fil-pussess taghhom, u/jew depozitati ghandhom u/jew kif ukoll zammew, laqghu jew garrew sigaretti bla dazju fi kwantita' kif jidher hawn taht u fin-nota ta' Qbid 11/04;

**18-il kaxxa, b'50 kartuna 'l wahda, b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Marlboro KS**

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew kif ukoll limitati ghandhom valur totali ta' elfejn mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm2250); Dazju tas-Sisa ta' dovut ta' sebat elef tmien mija w tlieta u disghin Lira Maltin (Lm7893) u wkoll Taxxa Imposta u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal sebgha mija w sitta w hamsin Lira Maltin (Lm756) u elf disgha mija w tnejn u sittin Lira Maltin (Lm1962);

| **Valur** | **Taxxa Imposta (Levy)** | **Dazju tas-Sisa** | **V.A.T.** |
|---|---|---|---|
| Lm2250 | Lm756 | Lm7893 | Lm1962 |

Illi minhabba l-fatt li l-vettura in kwistjoni, xjentement intuzat ghall-habi jew garr ta' sigaretti li fuqhom id-dazju ma kienx thallas jew kawtelat, liema sigaretti huma soggetti ghal konfiska, ghaldaqstant id-Dipartiment tad-Dwana qed johrog nota ta' Qbid 12/04 fir-rigward tal-vettura;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tiehu in konjizzjoni il-Proviso tal-Artikoli 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan f'kull kaz li: '*meta jinsab hati, terz tal-piena ta' flus jitqies fuq talba tal-Prosekuzzjoni bhala dejn Civili u ghandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u ghandu jithallas lill-Gvern, u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku inghatat f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati'*.

Illi **ANTHONY sive TWANNIE GALEA** b'hekk ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta' Mejju, 2003;

Illi **ANTHONY sive TWANNIE GALEA** sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-13 ta'April, 1988;

Illi **FRANCIS FORMOSA** kiser il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta' Settembru, 2002;

Illi **FRANCIS FORMOSA** sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Frar 2003;

Illi in oltre, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti w cioe' estratti mill-att tat-twelid tal-imputati (fol. 6 u 7), Fedini Penali (fol. 8 et seq.) u Letters to Prosecute mahruga mill-Konrollur tad Dwana nhar is-27 ta Frar 2004 (fol. 19) u dik mahruga mill-Kummissarju tal-Vat nhar it-2 ta' Marzu 2004 markata bhala SNG 1 (fol. 46).

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Marzu 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (Dok MSD a fol. 35).

Ikkunsidrat:

Illi fl-10 ta' Marzu, 2004 xehed **l-Ispettur Bernard Zarb** u esebixxa Kunsens tal-Avukat Generali mmarkat Dokument MSD1 u stqarrija tal-imputat Anthony Galea, li huwa gharaf prezenti fl-Awla, li giet immarkata Dok MSD2. Iddikjara li l-imputat kien inghata t-twissija skond il-Ligi. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija, flimkien ma' dik ta' PC1220 Christopher Baldacchino. Anthony Galea kien ghazel li ma jiffirmax tali stqarrija li hija datata 26 ta' Frar 2006.

L-Ispettur Zarb esebixxa wkoll stqarrija tal-imputat Francis Formosa, li wkoll gharfu prezenti fl-Awla. Din ukoll hija datata 26 ta' Frar 2004 u lil Francis Formosa wkoll kien tah it-twissija skond il-Ligi. Fuq din l-istqarrija x-xhud gharaf il-firma tieghu u dik ta' PC1226 Joseph Cutajar. Formosa wkoll ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu.

Inoltre x-xhud esebixxa '*agreement form'* li giet immarkata bhala Dok. MSD4. Din iggib in-numru 8395 u ddikjara li giet moghtija lilu minn Francis Xuereb, lil huwa Direttur tas-socjeta' "FX Garage Company Limited". Giet esebita wkoll '*carbon copy'* tar-"rental agreement" diga' esebit bhala MSD4, liema kopja giet immarkata bhala Dok. MSD5. L-Ispettur Zarb qal li l-'*carbon copy'* ghaddihielu l-imputat Francis Formosa.

Illi fl-10 ta' Marzu, 2004 xehed Paul Scicluna ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT li esebixxa '*letter to prosecute'* li giet immarkata bhala Dok. SNG1. Qal li din hija ffirmata minnu f'isem il-Kummissarju tal-VAT u hija mahruga fit-2 ta' Marzu 2004 fil-konfront ta' Francis Formosa u Anthony Galea.

Fl-istess seduta tal-10 ta' Marzu, 2004 xehed **Frank Agius** ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana li esebixxa '*letter to prosecute'* li giet immarkata bhala Dok. PJD1 biex il-pulizija esekuttiva tipprocedi kontra Francis Formosa u Anthony Galea. Esebixxa inoltre nota tal-Kontrollur tad-Dwana biex f'kaz ta' htija, terz tal-piena titqies bhala dejn civili. Din in-nota giet immarkata bhala Dok. PJD2. Gew esebiti nota ta' Qbid tas-sigaretti in kwistjoni PJD3 u nota ta' Qbid ohra tal-vettura li fiha nstabu l-istess sigaretti, liema vettura ghandha n-numru ta' registrazzjoni FXG 123. Din in-nota hija mmarkata bhala Dok. PJD4. Il-vettura msemmija giet

esebita formalment bhala Dok. PJD5. Ix-xhud esebixxa formalment bhala Dok. PJD6 is-sigaretti elenkati fin-nota ta' Qbid li giet esebita bhala Dok. PJD4.

Filwaqt li ddikjara li kien qed jixhed ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana, ddikjara li d-Dwana zammet il-vettura peress li s-sigaretti nstabu fiha.

Illi nhar il-21 ta' Lulju, 2004 xehed **Francis Xuereb** u spjega illi f'Jannar jew Frar tas-sena 2004 kien cempillu xi hadd li identifika ruhu bhala ufficcjal tas-C.I.D. mid-Depot fejn infurmah li l-van tieghu, bin-numru ta' registrazzjoni FXG 123 kien gie mizmum ghand il-pulizija w fl-istess telefonata gie mitlub jaghti lill-pulizija l-'*agreement*' li huwa kellu ma' Francis Formosa, li huwa gharfu prezenti fl-Awla. Ix-xhud ikkonferma li d-Dok. MSD5 a fol. 43 tal-process, huwa l-istess ftehim, imbaghad iddikjara li huwa s-sid ta' F.X. Garage Van and Car Hire u spjega li bil-ftehim imsemmi huwa kien kera van tat-tip Toyota bin-numru ta' registrazzjoni FXG 123 lil dan Francis Formosa l-imputat odjern.

Ftakar li Francis Formosa kien mar ghandu f'xi l-ghaxra w nofs ta' filghodu (10.30a.m.) tat-28 ta Frar 2004 w qallu li ried jikri van u hu kien staqsieh x'kien se jgorr bih. Qal li staqsieh hekk, biex jissuggerilu l-ahjar van ghall-bzonnijiet tieghu. Dan Formosa kien wiegbu li kien se jgorr erba' kaxxi tal-loghob u nsista li ried van Toyota. Ix-xhud jghid li kellu ghall-kiri van Transit u fil-fatt kien qallu li l-kaxxi tal-loghob ma kienux joqoghdu fit-Toyota, pero' dan insista ghat-Toyota ghar-raguni li ma kellux boghod u kien se jaghmel zewg vjaggi. Qal li l-mudell tal-van kien Toyota Hiace u huwa maghluq kollu w bhala mudell huwa Panel Toyota.

Fil-21 ta' Lulju 2004 xehdet ukoll **Marica Borg** li ddikjarat li hija bint Francis Xuereb u li tahdem ma' missierha bhala segretarja fil-kumpanija F.X. Garage Company Limited, Van and Car Hire. Giet murija d-Dok MSD 5 a fol. 43 tal-process u kkonfermat li din hija '*rental agreement'* mahruga mill-kumpanija taghhom li biha kienu krew vettura lill-imputat Francis Formosa, li fil-fatt gharfitu prezenti fl-Awla. Il-vettura kienet Toyota Hiace bin-numru ta' registrazzjoni FXG123. Gharfet il-firma taghha bhala rapprezentanta tad-ditta F.X.G. kif ukoll dik ta' Formosa fuq id-dokument in kwistjoni, w qalet li kienet hi li mliet il-formola relattiva.

Illi fl-10 ta' Jannar 2005 xehed **PC1226 Joseph Cutajar** li ddikjara li huwa stazzjonat PCU. Dan gie muri Dok. MSD3 a fol. 39 sa 41 tal-process u kkonferma li din hija stqarrija tal-imputat Francis Formosa li huwa gharaf prezenti in Awla. Ix-xhud ikkonferma li kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija datata 26 ta' Frar 2004 u li l-imputat inghata t-twissija skond il-ligi. Fuqha huwa gharaf il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Bernard Zarb u kkonferma wkoll li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmahiex.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Settembru, 2005 xehed **PS1086 Johann Micallef,** stazzjonat Drug Squad u spjega li fil-25 ta' Frar 2004 kellu struzzjonijiet mis-Supretendent Neil Harrison sabiex jinzel fl-inhawi tal-ground tal-Infetti, f'B'Kara u jdur ghal van bin-numru ta' registrazzjoni FXG123. Fil-fatt il-van sabu w qaghad osservazzjoni fuqu. Qal li ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija (19:30) marru tlieta (3) min-nies u telghu fil-van, u fosthom kien hemm iz-zewg imputati, li huwa gharaf prezenti gewwa l-Awla. Minbarra l-imputati Francis Formosa u Anthony Galea kien hemm persuna ohra, wkoll ta' sess maskili. Qal li malli hu hareg mill-karozza, wiehed mit-tlieta, cioe' l-persuna l-ohra, telaq jigri w ma rnexxielhomx jergghu jaqbduh. Sussegwentment saret tfittxija fil-van fejn instabu diversi kaxxi kontenenti kaxxi tas-sigaretti tal-marka Marlboro. Enfasizza li l-van kien ipparkjat wahdu w kien imsakkar u dak li harab kien ix-xufier tal-van u kien hu li kien fetah il-van bic-cavetta. Spjega li l-van kien fuq ix-xaqliba l-ohra tal-ground, fl-istess triq tal-ground imma iktar 'l isfel, u kien wahdu. Ix-xhud qal li huwa dam josserva l-van ghal xi tliet kwarti. Kemm l-imputati, kif ukoll ix-xufier kienu lahqu dahlu fil-van u qaghdu bil-qeghda.

Ix-xhud qal li mieghu kien hemm PC1220, PC213 u WPC86, u malli raw lit-tliet irgiel dahlu fil-van u ghalqu l-bibien, saqu l-karozza taghhom ghal hdejn il-van u hargu. Kompla li l-karozza taghhom ma kienitx immarkata li hi tal-pulizija, w huma kienu libsin pajzana. Kompla jispjega li hekk kif hu mar biex jiftah il-bieba tal-van tan-naha tax-xufier, dan imbotta l-bieba w telaq jigri w allura hu mar jigri warajh, pero' fil-frattemp iz-zewgt irgiel l-ohra baqghu gol-van. Jghid li meta mar lura, sab liz-zewg imputati mal-pulizija l-ohra. Sussegwentement kien kellem liz-zewg imputati, li cahdu li kellhom x'jaqsmu mal-van. Qal li fil-van inizjalment kien ra kaxxi li mbaghad infethu gewwa d-Depot u kien fihom pakketti tas-sigaretti tal-marka Marlboro.

PS 1086 Johann Micallef xehed in kontro-ezami nhar it-3 ta' Settembru, 2015. Ftakar li kien gie mibghut fl-inhawi maghrufa bhala Tal-Infetti gewwa l-Imriehel u li kien inghata struzzjonijiet li kien hemm van bin-numru ta' registrazzjoni FXG 123 li seta' kien fih xi droga. Qal li meta wasal fuq il-post, il-van diga' kien fil-post indikat lilhom, pero' ma kien hemm hadd fih. Ix-xhud jghid li hu baqa' fuq il-post u wara xi nofs siegha hu u shabu raw tliet persuni javvicinaw il-van u fosthom kien hemm iz-zewg imputati li huwa gharafhom prezenti fl-Awla fuq il-bank tal-imputati. Ikkonferma li l-imputati kienu lahqu dahlu fil-vettura. Huwa mar fuq in-naha tax-xufier, fetah il-bieba u x-xufier harab jigri. Ikkonferma li x-xufier mhux wiehed mill-akkuzati, w zied li effettivament dawn it-tnejn kienu baqghu fil-van.

Rega' spjega li huwa kien ra liz-zewg imputati fil-prezenza ta' persuna ohra f'nofs it-triq jimxu lejn il-van, pero' minn fejn kien ma setax jghid min kien quddiem u min kien fin-nofs. Tenna li hadd miz-zewg imputati odjerni ma kien qed isuq. Mistoqsi jekk Formosa kienx bilqeghda quddiem ma' genb ix-xufier jew inkella fuq wara, wiegeb li llum ma jiftakarx. Qal li meta x-xufier harab, huwa mar warajh, pero' ma rnexxielux jilhqu, pero' zied li meta mar lura shabu l-pulizija qalulu li Francis Formosa kien qeighed quddiem hdejn ix-xufier u Anthony Galea kien fin-nofs. Ikkonferma li saret tfittxija mill-kollegi tieghu fuq il-persuna ta' Francis Formosa waqt l-arrest, pero' c-cavetta tal-van ma nstabitx fuqu, anzi qal li x-xufier li harab kellu c-cavetta tal-van.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2005 xehed **PC1220 Christopher Baldacchino**, stazzjonat Drug Squad. Huwa qal li fil-25 ta' Frar 2004 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija (7.30p.m.) gewwa Triq G. Bontadini gewwa B'Kara lemhu van bin-numru ta' registrazzjoni FXG 123 u malli resqu lejh bil-karozza taghhom, ix-xufier tal-van nizel u harab jigri. Ghaldaqstant ix-xhud u zewg pulizija ohra shabu marru fuq il-bieba tal-passiggier u sabu lil Francis Formosa u Anthony Galea bilqeghda fil-van. Huwa gharaf lil Formosa w Galea bhala l-imputati odjerni. Spjega li mal-ewwel daqqa t'ghajn fil-van, huwa nnota xi kaxxi kbar bil-kelma Marlboro miktuba fuqhom li mbaghad ghaddewhom lill-Iskwadra ta' kontra l-Frodi u nizzlu lill-imputati d-Depot ghal aktar investigazzjonijiet. Ftakar li kien staqsa lill-imputati x'kien hemm fil-kaxxi, w l-imputat Formosa kien wiegeb li ghandu dritt ma jitkellimx u allura ma baqax isaqsi.

Spjega li kien fuq il-post fejn instab il-van ma' PS1086, PC213 u WPC 86 u kienu ilhom josservaw il-van madwar nofs siegha jew tliet kwarti meta nnutaw tliet irgiel, fosthom iz-zewg imputati, dehlin fil-van. Ghaldaqstant hu w shabu marru bil-karozza hdejn il-van u ntervjenew. Ix-xhud gie muri Dok. MSD2 a fol. 36 sa 38 tal-atti w ikkonferma li din hija stqarrija rilaxxjata mill-imputat Anthony Galea, li gharfu gewwa l-Awla. Ikkonferma wkoll illi huwa kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija w li l-imputat inghata t-twissija skond il-ligi. Gharaf il-firma tieghu u dik ta' l-ex Spettur Bernard Zarb kull fejn jidhru fl-istqarrija. Ikkonferma li l-imputat Galea kien ghazel li ma jiffirmax l-istess stqarrija.

Illi dakinhar tal-20 ta' Settembru, 2005 xehdet ukoll **WPC86 Diane Fenech**. Iddikjarat li hija stazzjonata Drug Squad u li fil-25 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija (7.30p.m.) hija kienet f'vettura tal-pulizija flimkien ma' PS1086, PC1220 u PC213 fuq xoghol ta' droga bhala osservazzjoni. Dak il-hin kienu qed josservaw van bin-numru ta' registrazzjoni FXG123 hdejn il-ground tal-Infetti f'B'Kara, u raw tliet irgiel dehlin go dan il-van ta' kulur abjad. Allura huma ntervjenew fejn wiehed minnhom mar hdejn il-van bil-karozza filwaqt li t-tlieta l-ohra marru bil-mixi. Tghid li x-xufier tal-van harab mill-post u tnejn mill-pulizija, li sa fejn tiftakar kienu PS1086 u PC213, marru ghal warajh. Tiddikjara li liz-zewg imputati odjerni sabuhom fil-van in kwistjoni, u meta harguhom minnu dawn m'ghamlu l-ebda rezistenza. Tghid li dak il-hin ittawwlet fil-van u rat xi kaxxi tal-kartun li fuqhom kien hemm il-kliem Marlboro, liema kaxxi mbaghad l-Ispettur Bernard Zarb kien ghaddihom lil tal-Frodi.

In kontro-ezami x-xhud stqarret li ma tiftakarx kemm damu josservaw il-van u li ma marrux mill-ewwel ghax ma kienx hemm persuna li setghet terfa' responsabilita' w ghalhekk intervjenew biss wara li t-tliet irgiel dahlu fil-van. Ix-xhud sostniet li c-cavetta tal-van ma nstabitx fuq iz-zewg imputati w iddikjarat li kien ir-ragel li harab li kien fetah il-van biex l-ohrajn dahlu. Qalet li seta' kien il-kaz li l-iehor halla c-cavetta fil-van. Qalet ukoll li biex setghet tittawwal fuq in-naha ta' wara tal-van, hija ttawwlet min-naha tax-xufier lura lejn il-van u li hemm rat il-kaxxi bil-kelma Marlboro fuqhom. Ikkonfermat li l-imputat Francis Formosa fl-ebda hin ma qal li l-kaxxi tas-sigaretti kienu tieghu.

WPS 86 Diane Fenech regghet xehdet in kontro-ezami nhar it-22 ta' Gunju, 2015 fejn stqarret li llum ma tiftakarx kemm kienu damu jistennew qabel ma tfacca l-van in kwistjoni, pero' tiftakar li x-xufier – li mhux wiehed mill-imputati odjerni - kien harab minn fuq il-post. Ikkonferma li kienet saret tfittxija fuq l-imputat Francis Formosa, pero' c-cavetta tal-van ma kinitx fuq il-persuna tieghu u lanqas ma taf kemm kienu ilu pparkjat fil-post fejn instab il-van kwistjoni. Qalet li hija dahlet fil-kwistjoni dakinhar stess meta kien ix-*shift* taghha, w x'gara qabel ma tafx.

Illi fit-22 ta' Settembru, 2008 xehed **Joseph Vella,** mill-Valuation Office tad-Dwana u kkonferma li dan il-kaz kien gie riferut lilhom biex jistmaw il-valur tas-sigaretti in kwistjoni, liema '*valuation*' saret fis-26 ta' Frar 2005 u rrizulta li kien hemm disat elef pakkett sigaretti b'ghoxrin sigarett ghal kull pakkett ghall-valur ta' hamsa w ghoxrin centezmu antiki kull pakkett ta' ghoxrin sigarett u konsegwentment il-valur totali kien ta' elfejn, mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm2,250). Saret ukoll '*valuation*' tal-van bin-numru ta' registrazzjoni FXG 123, u dan fil-5 t'April, 2005 fejn irrizulta li l-valur tieghu jammonta ghal elfejn u seba' mitt Lira Maltin (Lm2,700). Ix-xhud ried jippreciza li ghalkemm il-van gie stmat fil-5 ta' April, 2005, huma ffissaw il-'*valuation*' ghad-data tal-25 ta' Frar, 2004.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Rat in-nota tal-imputat Anthony Galea, pprezentata fl-24 ta' Marzu, 2015, fejn iddikjara li huwa mhux se jixhed f'dawn il-proceduri w li ghaldaqstant fil-konfront tieghu din il-kawza tista' tithalla ghat-trattazzjoni.

Semghet lill-ufficcjal prosekutur jirrimetti ruhu ghall-provi kontenuti fl-atti proceswali u dan nhar it-18 ta' Frar 2016 u lill-avukati difensuri tal-imputati jittrattaw il-kaz fl-istess seduta fejn anke talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi in breve il-fatti tal-kawza li ma jidhrux li huma konestati huma s-segwenti:-

1. Illi nhar l-24 ta' Frar 2004 l-imputat Francis Formosa kien kera il-vettura tal-ghamla Toyota Hiace numru ta' registrazzjoni FXG 123 minghand is-socjeta' FX Garage Co. Ltd Van & Car hire u dan versu l-prezz pattwit ta' hamsa w ghoxrin lira maltin (LM25.00) ghal kull gurnata.
2. Ili fil-25 ta' Frar 2004 iz-zewg imputati nstabu f'din il-vettura li kienet ipparkjata hdejn il-grawnd maghruf bhala ta' l-Infetti gewwa B'kara u f'din l-istess vettura kien hemm numru sostanzjali ta' sigaretti tal-ghamla Marlboro stakjati.
3. Illi jirrizulta illi effettivament kienu tlieta min-nies fil-vettura, pero' t-tielet persuna - li fil-fatt kellha c-cavetta tal-van - telaq jigri appena ra l-pulizija w baqa' ma nstabx, jew almenu ma ngiebx jixhed f'dawn il-proceduri.
4. Illi ghalhekk il-van gie elevat mill-pulizija ezekuttiva u l-merca li kien hemm go fih giet ezaminata w irrizulta li kienu sigaretti, fejn id-dazju ma kienx thallas u lanqas ma kien thallas il-VAT u ghalhekk il-van bis-sigaretti kollha baqghu mizmuma ghand il-pulizija.
5. Jirrizulta wkoll li z-zewg imputati gew investigati w it-tnejn li huma rrilaxxjaw stqarrija, liema stqarrijiet jinsabu esebiti fl-atti a fol. 36 et seq immarkati bhala Dok MSD 2 u MSD 3.

Jinghad li l-imputati ma xehdux fl-atti tal-kawza u ghalhekk din il-Qorti ghandha taghti importanza lill-istqarrijiet rilaxxjati minnhom a tempo vergine tal-investigazzjoni.

**Anthony Galea** jghid li nhar il-25 ta' Frar 2004 huwa qam ghall-habta tad-disgha ta' filghodu (9.00 a.m.), xorob tazza te, hareg mid-dar u mar idur il-Hamrun u mar ftit il-Belt u rega' mar lura d-dar. Jghid li mbaghad rega' hareg mid-dar izda ma jafx x'ghamel salv li l-pulizija sabitu fil-van gewwa Birkirkara. Mistoqsi jekk kienx seraq is-sigaretti li kien hemm fil-van, iwiegeb fin-negattiv ghalkemm jghid li huwa bniedem li jpejjep hafna aktar minn zewg pakketti kuljum.

**Francis Formosa** ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li giet imposta lilu, kif kellu kull dritt li jaghmel.

## <u>Ikkunsidrat ulterjorment:</u>

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex, kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa ghalhekk il-kompitu' ta' din il-Qorti li tezamina x-xhieda w il-provi prodotti, sabiex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputati mill-Prosekuzzjoni, gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi ghalhekk, m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti tirrileva li ma kienitx hi li ghexet il-process tul medda ta' zmien u semghet ix-xhieda kollha prodotti, stante li l-kaz beda quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Pero' hija semghet xi xhieda relevanti in kontro-esami w ghalhekk xorta thoss li hija f'posizzjoni li tikkonstata x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi kif inhu ben saput, sabiex persuna tinstab hatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, dubbju li ma jhallix lill-gudikant ikollu dik il-konvinzjoni morali dwar ir-responsabbilita' kriminali tal-persuna akkuzata. Dubbju li minhabba fih, min ghandu jiddeciedi, ma jistax jiddeciedi la naha w lanqas ohra. Huwa l-akkuzat, li bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista' jasal sal-grad tal-probabbilita'. [Vide **<u>Il-Pulizija v Joseph Zampa et</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Lulju 1998.]

Hija dejjem <u>il-Prosekuzzjoni</u> li trid tipprova l-elementi <u>kollha</u> tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant. [Vide **<u>Il-Pulizija v Paul Farrugia</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu 2000].

Kwantu ghal provi indizzjarji li gia saret referenza ghalihom, din il-Qorti tfakkar f'dak li nghad minn **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen [1952] AC 480, 489** fejn intqal:

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." [vide* **Il-Pulizija v Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998.*]*

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun** fejn gie dikjarat li "*huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti, izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci*".

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice [**1997 Edition, para. 10 - 3] b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen [1952]** jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil Cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter, for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only, because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat

mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil:**

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li bhal ma ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza fis-17 ta' Gunju, 1998 dwar prova cirkostanzjali li:

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Illi fid-dawl tas-suespost, ghalhekk din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa kollha l-provi cirkostanzjali mressqa mill-Prosekuzzjoni, bil-ghan sabiex tistabilixxi jekk humiex diretti fl-istess direzzjoni w cioe' jekk iwasslux ghall-htija tal-imputat.

Principlament l-imputati gew akkuzati talli kellhom xjentement fil-pussess taghhom sigaretti li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. F'dawn it-tipi ta' kawzi l-Prosekuzzjoni ma trid tipprova xejn salv li l-imputati zammew ghandhom dawn is-sigareti meta kienu jafu li l-VAT u dazju ma kienx thallas.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 t'Awissu 1990 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Calleja**, intqal li:

*"Kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jdiher car li l-prova li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas d-dazju. Minn hemm 'l quddiem, l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat." [vide wkoll* **Il-Pulizija v J.M. Deguara** *deciza mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru 1990*].*

Fis-sentenza wkoll moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' April 1971 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Bellizzi**, gie ritenut li:

*"Il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju fuq is-sigaretti ma kienx thallas, izda ghal kuntrarju, in vista tal-artikolu citat tal-Kap 60* [illum 37] *kien imiss lill-imputat jipprova li d-dazju relattiv kien thallas jew li kellu raguni valida jahseb li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat."*

Illi anke fl-**artikolu 82(2) tal-Att XXIII tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, insibu li l-oneru huwa spustjat fuq l-imputat li jipprova li huwa ha l-passi kollha mehtiega u necessarji sabiex jottempera ruhu mal-ligi.

Illi ghalhekk il-Qorti ezaminat dak li irrizulta mill-process li ghamlu l-imputati fir-rigward ta' din l-akkuza, w jirrizulta li ma ghamlu assolutament xejn.

Jirrizulta li effettivament kien l-imputat Francis Formosa li kien instab flimkien mal-ko-akkuzat fil-van u bis-sejba ta' numru ta' kaxxi ta' sigaretti li kellhom id-dazju w VAT mhux imhallas. Id-difiza tghid li l-prosekuzzjoni ma ipprovat xejn aktar. Pero' din il-Qorti tghid x'kellha tipprova aktar fic-cirkostanzi odjerni. Ippruvat li l-vettura kienet giet mikrija lill-imputat Formosa, li l-imputat Formosa kien fil-vettura meta saret is-sejba tas-sigaretti bid-dazju u VAT mhux imhallas u l-imputat Francis Formosa ma ta l-ebda spejgazzjoni ta' dan kollu. Dawn ic-cirkostanzi huma kollha indizzji cari li effettivament l-imputat Formosa kien jaf bil-provenjenza tas-sigaretti u li ma kienx thallas id-dazju fuqhom. Ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ta' kif spiccaw fil-vettura mikrija lilu. Ghalhekk Formosa jibqa' responsabbli ghal dak kollu li kien hemm fil-vettura mikrija lilu sakemm ma jaghtix spjegazzjoni sabiex jipprova jezimi ruhu minn kwalsiasi reponsabilita'.

Ghalhekk din l-akkuza kif naxxenti mill-Kapitolu 37 tirrizulta pprovata fil-konfront tal-imputat Francis Formosa. Fil-konfront tal-akkuzi l-ohra, w cioe' li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu ai termini tal-allura Artikolu 5, illum 7 tal-allura Kap. 152 illum 446 tal-Ligijiet ta' Malta ma tirrizultax provata stante li din is-sentenza ma gietx esebita f'dawn l-atti u lanqas ma tirrizulta l-akkuza ta' recidiv peress li ma gew esebiti l-ebda sentenzi li nghataw fil-konfront tieghu.

Fil-konfront tal-imputat Anthony Galea jirrizulta *ut sic* li nstab fil-van meta l-pulizija sabet lill-ko-akkuzat Formosa nhar il-25 ta' Frar 2004 gewwa il-grawnd tal-Infettti B'kara, b'konsenja ta' sigaretti bid-dazju mhux imhallas. Jirrizulta li effettivament meta l-pulizija

marru fuqu dan ma telaqx 'l hemm u gie interrogat u rrilaxxja stqarrija. Minn ezami tal-istqarrija tieghu ma jirrizulta xejn konness mas-sejba jew provenjenza tas-sigaretti. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-kaz hi u l-imputat ghandu dritt li ma jressaq l-ebda prova ghad-difiza tieghu izda jistrieh biss fuq il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni w hekk donnu ghamel. Pero' fid-dawl tal-provi prodotti ma jirrizultax li effettivament l-imputat xjentement zamm ghandu s-sigaretti izda jirrizulta li kienu fil-vettura mikrija lil Formosa meta l-pulizija sabu dawn is-sigaretti w ghalhekk is-semplici presenza tieghu f'din il-vettura f'dak il-hin propizju ma tammontax ghal xjentar rikjest fil-pussess ta' tali sigaretti. Ghalhekk din l-akkuza fil-konfront ta' Anthony Galea ma tirrizultax ipprovata. Ghalhekk isegwi li lanqas ma tirrizulta l-akkuza li l-imputat ikkometta reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza ghaliex minkejja li l-imputat ma nstabx hati tal-akkuza, lanqas ma giet esebita s-sentenza li allegatament inghatat fil-konfront tieghu. Il-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda sentenza li nghatat fil-konfront ta' l-imputat ghalkemm esebiet il-Fedina Penali tieghu. Peress li l-Qorti ma sabitux hati tal-akkuza principali dwar pussess ta' sigaretti meta d-dazju mhux imhallas, zgur li din l-akkuza ta' recidiva ma tistax tirrizulta.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, cioe' **Artikoli 60 (a) (b) (c) (e) (k), l-Artikolu 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 u l-Artikoli 16(1) (j) u 17 (a) ta' l-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta w bi ksur tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta l-1998) u ta' l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Kap. 336), l-Artikoli 49, 50, 334 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligjiet ta' Malta,** tiddikjara li ssib lill-imputat Francis Formosa hati talli kellu fil-pussess tieghu numru konsiderevoli ta' sigaretti fejn id-dazju u VAT ma thallasx fuqhom u ghalhekk tikkundannah **multa ta' tmienja w ghoxrin elf tmien mija w sebgha w erbghin Ewro w tnejn u disghin centzmu (€28,847.92) bhala evazjoni tat-taxxa skond il-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta (twice value plus duty), oltre dan tikkundannah ihallas multa ta' hames mitt Ewro (€500) skond il-Kapitolu 382 (Excise Duty Act). Oltre dan tikkundannah piena karcerarja ta' tliet (3) xhur sospizi ghal tmintax-il (18) xahar skont il-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah mill-akkuza l-ohra ta' recidiva stante li din ma gietx ipprovata mill-Prosekuzzjoni w tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu**

**konjizzjoni tal-akkuza naxxenti mill-Kapitolu 336 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan il-kapitolu illum jinsab *repealed* (by Act II tas-sena 2015) u tiddikara li ma ssibx lill-imputat Anthony Galea hati tal-akkuzi u tilliberah minn kull akkuza.**

Tordna wkoll il-konfiska tas-sigaretti kollha esebiti f'dawn l-atti kif indikati fis-Seizure Note Dok PJD 4 a fol. 54 tal-process u tal-vettura esebita formalment fl-atti bin-numru ta' registrazzjoni FXG 123 mmarkata bhala Dok. PJD5 ai termini ta' l-Artikolu 68 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna il-konfiska tal-van li fih instabu s-sigaretti, cioe' dak tal-ghamla Toyota Hiace numru ta' registrazzjoni FXG 123, il-Qorti qed tilqa' tali talba ai termini tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti, jinghad li fil-konfront tal-imputat Anthony Galea dan ma nstabx hati tal-akkuzi u ghalhekk tali talba ma tistax tintlaqa', filwaqt li fil-konfront ta' Francis Formosa ghalkemm instab hati tal-akkuza ma jidhirx li kien hemm xi espert li gie nominat f'dawn il-proceduri u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizjzoni taghha wkoll. Ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

Oltre dan tordna li terz minn dak l-ammont li gie kkundannat ihallas Francis Formosa bhala multa skond il-Kapitolu 37, u cioe' mis-somma ta' tmienja w ghoxrin elf tmien mija w sebgha w erbghin Ewro w tnejn u disghin centezmu (€**28,847.92),** għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana u ghalhekk is-somma ta' disat elef, sitt mija w tnejn u ghoxrin Ewro w erbgha w sittin centezmu (€9,622.64) huwa dejn civili dovut lid-Dipartiment tad-Dwana.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti biex jiehu hsieb il-gbir tal-multa u f'kaz li l-multa ma tithallasx din ghandha tigi konvertita f'piena ta' prigunerija addizzjonali ai termini **tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.
Magistrat